**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Kurt Azzopardi ta’ 16-il sena bin Anton u Maria nee` Grech li joqghod ‘Dar Carmela’, Triq Gedrin, Victoria, Ghawdex.**
**Karta ta’ Identita’ numru 41585 (G)**

Illum 22 ta' Mejju 2002.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fis-16 ta’ Frar 2002 ghall-habta ta’ nofs il-lejl fi Triq Gorg Borg Olivier, Rabat, Ghawdex, saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAH 254 ta’ ghamla Toyota Starlet minghajr licenzja tas-sewqan ghal dan il-ghan li hija mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u b’hekk gie li kien qed isuq din il-vettura minghajr polza ta’ assikurazzjoni rigward ir-riskji ta’ terzi persuni, barra minnhekk fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq l-istess vettura minghajr il-kunsens ta’ missieru li huwa s-sid tal-vettura msemmija.

Il-Qorti hija gentilment mitluba biex f’kaz ta’ htija barra l-piena mitluba bil-ligi timpedixxi lill-imputat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan hekk kif jaghlaq it-tmintax-il sena ghall-perjodu li l-istess Qorti jidrilha xieraq.

Semghet l-ammissjoni;

Fuq ammissjoni ssibu hati;

Rat l-artikoli 15 (I) (A) tal-Kap 65 u 3 tal-Kap 104;

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 37 tal-Kap 9 stante li l-imputat kien ghadu minorenni fi zmien tal-kommessjoni tar-rejat tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) fuq l-ewwel akkuza u ammenda ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) fuq it-tieni akkuza.

Oltre dan tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tliet xhur minn meta jaghlaq it-tmintax-il sena.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur